

Brussell, 20 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9491/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0116(NLE)

ACP 65
FIN 370

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 9444/19 - COM(2019) 242 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fir-rigward tad-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

1. Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fir-rigward tad-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP iddiskuta l-proposta msemija hawn fuq u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-20 ta' Mejju 2019.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta bħala punt "A", it-test kif jinsab fid-dokument 9446/19 wara l-finalizzazzjoni mill-Ġuristi-Lingwisti;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.
-